

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: J. Currall u G. Berscheid, aġenti, assistiti minn B. Wägenbaur, avukat)

gwarda proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Gestión de Recursos y Soluciones Empresariales, SL u DTL Corporación, SL

## Suġġett

Appell mid-digriet tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea (L-Ewwel Awla) tat-30 ta' Novembru 2009, Lebedef vs Il-Kummissjoni (F-54/09, li għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġabra), intiż għall-annullament ta' dan id-digriet.

## Dispożittiv

(1) L-appell huwa miċħud.

(2) Giorgio Lebedef huwa kkundannat għall-ispejjeż kif ukoll ġħal dawk tal-Kummissjoni Ewropea fil-kuntest ta' din l-istanza.

(<sup>1</sup>) ĠU C 113, 01.05.2010.

## Sentenza tal-Qorti Ġeneral tal-15 ta' Diċembru 2010 — DTL vs UASI — Gestión de Recursos y Soluciones Empresariales (Solaria)

(Kawża T-188/10) (<sup>1</sup>)

("Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja figurattiva Solaria — Trade mark nazzjonali figurattiva preċedenti SOLARTIA — Raġuni relativa għal rifjut — Probabbiltà ta' konfużjoni — Xebħi tas-servizzi — Xebħi tas-sinjal — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009")

(2011/C 38/29)

Lingwa tal-kawża: l-Inglijż

## Partijiet

Rikorrenti: DTL Corporación, SL (Madrid, Spanja) (rappreżentanti: C. Rueda Pascual u A. Zuazo Araluce, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: J. Crespo Carrillo, aġent)

Parti oħra fil-kawża quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI, intervenienti quddiem il-Qorti Ġeneral: Gestión de Recursos y Soluciones Empresariales, SL (Pampelune, Spanja) (rappreżentanti: C. Gutiérrez Martínez, H. Granado Carpenter u M. Polo Carreño, avukati)

## Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-UASI, tas-17 ta' Frar 2010 (Każ R 767/2009-2), li tirri-

## Dispożittiv

(1) Ir-rikors huwa miċħud.

(2) DTL Corporación, SL hija kkundannata għall-ispejjeż.

(<sup>1</sup>) ĠU C 161, 19.6.2010.

## Rikors ippreżentat fis-7 ta' Diċembru 2010 — Laboratoire Garnier vs UASI (natural beauty)

(Kawża T-559/10)

(2011/C 38/30)

Lingwa tal-kawża: l-Inglijż

## Partijiet

Rikorrenti: Laboratoire Garnier et Cie (Pariġi, Franza) (rappreżentanti: R. Dissmann u A. Steegmann, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

## Talbiet tar-rikorrenti

— tannulla d-Deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni), tat-23 ta' Settembru 2010, fil-Każ R 971/2010-1;

— tilkkundanna lill-UASI għall-ispejjeż.

## Motivi u argumenti prinċipali

Trade mark Komunitarja kkonċernata: It-trade mark figurattiva "natural beauty" għal prodotti fil-klassi 3 — Applikazzjoni għal trade mark Komunitarja Nru 8294233

Deċiżjoni tal-eżaminatur: Applikazzjoni għal trade mark Komunitarja miċħuda

Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell: Appell miċħud

Motivi invokati: Ksur tal-Artikoli 7(1)(b) u (c) tar-Regolament tal-Kunsill Nru 207/2009, skont l-Artikolu 65(2) tar-Regolament tal-Kunsill Nru 207/2009, peress li l-Bord tal-Appell ikkonkluda b'mod żbaljat li dawn ir-raġunijiet assoluti għal rifjut japplikaw għat-trade mark ikkōntestata.